

Emenda 1**Anna Fotyga**

f'isem il-Grupp ECR

Rapport**Alviina Alametsä**Ir-relazzjonijiet UE-Indja
(2023/2128(INI))**A9-0435/2023****Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 1 – punt (p)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

(p) jespandu u jwessgħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja dwar is-sigurtà marittima mħeġġa wkoll minn interessi kondiviżi, b'mod partikolari **minħabba l-preżenza li qed tevolvi** taċ-Ċina fl-Indo-Paċifiku; jiżguraw ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli ħieles u miftuħ li jkopri l-libertà tan-navigazzjoni, linji marittimi ta' komunikazzjoni miftuħa u sikuri, sigurtà mtejbja tat-tbaħħir u sistemi ta' rispons aktar robusti għad-diżastri naturali u t-theddid mhux tradizzjonali għas-sigurtà u għall-ġlieda kontra l-piraterija u s-sajd illegali; jibnu fuq l-esperjenzi ta' kooperazzjoni kostruttiva, b'mod partikolari l-appoġġ tal-Indja għall-Operazzjoni Navali Atalanta tal-UE (EUNAVFOR) billi tiproteġi l-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel meta tintalab tagħmel dan, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħha f'eżerċizzji ta' mogħdija (PASSEX) konġunti; jagħtu segwitu għall-ewwel eżerċizzji navali UE-Indja ta' Ġunju 2021 fil-Golf ta' Aden; jinkoraġġixxu aktar komprensjoni kondiviża tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar; iwiegħbu b'mod pożittiv għall-proposta Indjana li l-UE tingħaqad mal-Inizjattiva għall-Oċeani tar-reġjun Indo-Paċifiku; jikkunsidraw l-iżvilupp ta' programm reġjonali konġunt bejn l-UE u l-Indja għall-bini tal-kapaċità marittima għall-istati gżejjer u kostali iżgħar fl-Oċean Indjan;

Emenda

(p) **jirrikonoxxu l-kontributi tal-Indja għal-libertà tan-navigazzjoni madwar id-dinja, b'mod partikolari fl-Istrett tat-Tajwan, iżda wkoll l-iskjerament reċenti tagħha ta' bastimenti navali biex tiproteġi l-bastimenti merkantili fil-Baħar l-Aħmar li kienu qed jiffaċċjaw fastidju kontinwu mir-ribelli Houthis;** jespandu u jwessgħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja dwar is-sigurtà marittima mħeġġa wkoll minn interessi kondiviżi, b'mod partikolari **fid-dawl tal-azzjonijiet ekonomiċi u militari dejjem aktar predatorji** taċ-Ċina fl-Indo-Paċifiku; jiżguraw ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli ħieles u miftuħ li jkopri l-libertà tan-navigazzjoni, linji marittimi ta' komunikazzjoni miftuħa u sikuri, sigurtà mtejbja tat-tbaħħir u sistemi ta' rispons aktar robusti għad-diżastri naturali u t-theddid mhux tradizzjonali għas-sigurtà u għall-ġlieda kontra l-piraterija u s-sajd illegali; jibnu fuq l-esperjenzi ta' kooperazzjoni kostruttiva, b'mod partikolari l-appoġġ tal-Indja għall-Operazzjoni Navali Atalanta tal-UE (EUNAVFOR) billi tiproteġi l-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel meta tintalab tagħmel dan, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħha f'eżerċizzji ta' mogħdija (PASSEX) konġunti; jagħtu segwitu għall-ewwel eżerċizzji navali UE-Indja ta' Ġunju 2021 fil-Golf ta' Aden; jinkoraġġixxu aktar

komprensjoni kondiviża tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar; iwiegħbu b'mod pożittiv għall-proposta Indjana li l-UE tingħaqad mal-Inizjattiva għall-Oċeani tar-reġjun Indo-Paċifiku; jikkunsidraw l-iżvilupp ta' programm reġjonali konġunt bejn l-UE u l-Indja għall-bini tal-kapaċità marittima għall-istati gżejjer u kostali iżgħar fl-Oċean Indjan;

Or. en

10.1.2024

A9-0435/2

Emenda 2
Anna Fotyga
f'isem il-Grupp ECR

Rapport
Alviina Alametsä
Ir-relazzjonijiet UE-Indja
2023/2128(INI)

A9-0435/2023

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt (u)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(u) djalogu mal-Indja dwar il-kwistjoni tad-dipendenza militari qawwija tagħha fuq ir-Russja u dwar il-politika ta' sanzjonijiet tal-UE fil-konfront tar-Russja; iħeġġu lill-Indja tingħaqad mal-kundanna internazzjonali tal-gwerra illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li ***tinżomm*** il-linja politika tagħha li timmira li ttemm l-ostilitajiet u terġa' tibda d-diplomazija u d-djalogu; djalogu mal-Indja dwar ix-xiri kontinwi taż-żejt mhux maħdum mingħand ir-Russja bi prezzijiet baxxi u l-bejgħ sussegwenti tal-Indja ta' prodotti taż-żejt raffinat fis-swieq internazzjonali, inkluż fl-UE; jiżguraw monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi u jissanzjonaw kwalunkwe tentattiv biex dawn jiġu evitati, b'mod partikolari minn negozji bbażati fl-UE li jeħtieġ li jieqfu jixtru dawn prodotti, li essenzjalment jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja;

(u) djalogu mal-Indja dwar il-kwistjoni tad-dipendenza militari qawwija tagħha fuq ir-Russja u dwar il-politika ta' sanzjonijiet tal-UE fil-konfront tar-Russja; iħeġġu lill-Indja tingħaqad mal-kundanna internazzjonali tal-gwerra illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li ***tinżamm*** il-linja politika tagħha li timmira li ttemm l-ostilitajiet u terġa' tibda d-diplomazija u d-djalogu; djalogu mal-Indja dwar ix-xiri kontinwi taż-żejt mhux maħdum mingħand ir-Russja bi prezzijiet baxxi u l-bejgħ sussegwenti tal-Indja ta' prodotti taż-żejt raffinat fis-swieq internazzjonali, ***kif ukoll l-involviment tagħha fil-kummerċ fid-djamanti Russi***, inkluż fl-UE, ; ***jagħtu attenzjoni għad-dipendenza tal-Indja fuq ir-Russja fis-settur tal-enerġija nukleari, b'mod partikolari għall-iżvilupp ulterjuri tal-impjanti tal-enerġija nukleari tagħha; jinsistu li l-Indja tkompli twaqqaf l-eżerċizzji militari konġunti ma' dan l-istat aggressur; jinkoraġġixxu lill-Indja twaqqaf il-produzzjoni konġunta tat-tagħmir militari u tnaqqas il-grad tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża mar-Russja***; jiżguraw monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi u jissanzjonaw kwalunkwe tentattiv biex dawn jiġu evitati, b'mod partikolari minn negozji bbażati fl-UE li jeħtieġ li jieqfu

AM\1293920MT.docx

PE756.738v01-00

jixtru dawn prodotti, li essenzjalment jikkostitwixxu ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja; ***iqisu t-tħassib dwar il-ftehimiet u l-proġetti, bħall-Kuritur Internazzjonali tat-Trasport Tramuntana-Nofsinhar, u oqfsa ġodda għall-investimenti u l-kummerċ ħieles bejn ir-Russja u l-Indja, li se jżidu b'mod sinifikanti l-kapaċità tar-Russja li tevita s-sanzjonijiet, iżidu l-impronta tagħha fir-reġjun, ikunu ta' detriment għar-reżiljenza ekonomika u finanzjarja tal-Indja u jippreġudikaw il-prospetti għal sħubija politika u ekonomika aktar b'saħħitha bejn l-UE u l-Indja;***

Or. en